MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 128/2003

**Western Company Limited
Vs
Martin Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta Jannar, 2003 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont dovut ta' Lm1250.86 (elf mitejn u hamsin lira maltin u sitta u tmenin centezmu) peress li fil-21 ta' Ottubru, 1999 inhargu diversi kambjali minn Martin Gauci favur Western Company Limited ghall-ammont ta' Lm96.22 (sitta u disghin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) kull wahda pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur.**

**Il-konvenut naqas li jhallas tlettax (13)-il kambjala ta' Lm96.22 (sitta u disghin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) kull wahda li immaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Ottubru 1999 u Dicembru, 2002.**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa Lm1250.86 (elf, mitejn u hamsin lira maltin u sitta u tmenin centezmu) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjes legali u gudizzjarli inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenut, debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta.**

**Sema' lil John Sultana jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------